MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 15/2003

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Marco Deguara sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Marco Deguara u b'nota tas-17 ta' Gunju, 2003 is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited assumiet id-drittijiet u l-obbligi kollha f'Malta tas-socjeta' assikurattrici estera CGU Insurance plc, hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Marco Deguara sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Raymond Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fit-8 ta' Jannar, 2003 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, mija u wiehed u tletin lira u erba'

centezmi (Lm2,131.04) rapprezentanti hlas ta' danni minnu kkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Dicembru, 2001, f'Horns Ditch, il-Furjana bejn il-vettura GVH 133 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru JAI 442 misjuqa minn Marco Deguara u proprjeta' tieghu, liema ncident gara unikament tort tieghu, minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' osservanza ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Ottubru, 2002, u bl-imghax mill-1 ta' Ottubru, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Cachia fejn eccepixxa:

Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz ma garax tort ta' Raymond Cachia, izda gara unikament tort u htija tas-sewwieq tal-vettura numru JAI 442 u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi stante li dan l-incident ma garax tort ta' l-eccipjent, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur in linea ta' danni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.
Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fl-20 ta' Dicembru, 2001 fil-Horns Ditch, il-Floriana bejn il-vettura JAI 442 misjuqa mill-attur Marco Deguara u *coach* GVH 133 misjuq mill-konvenut. Dan ta' l-ahhar kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Pieta' waqt illi Deguara kien qed isuq fid-direzzjoni opposta lejn il-Blata l-Bajda. L-incident gara ezatt quddiem il-gate ta' l-*Education Department* meta Deguara kien qed idur lejn ix-xellug u sab il-*coach* ma' wiccu.

Deguara xehed li huwa kien *"on second gear",* gie quddiem il-*gate* u dar biex jitla' 'l fuq u f'daqqa wahda sab il-*coach* ma' wiccu. Mhuwiex kontestat li l-*coach* kien fuq in-naha hazina tat-triq. PS 782 Joseph Schembri a fol 44 ikkonferma li *"…….il-coach ma kienx fuq sajdu tat-triq imma kien mal-parking base."* Il-konvenut ukoll ighid illi kien f'dik il-posizzjoni peress illi ried jaghmel *"u-turn"* u jmur lejn il-Pieta' u kien ghadu kif qala' minn posizzjoni wieqfa u sab il-vettura ta' Deguara quddiemu.

Joseph Axisa li huwa *supervisor* mill-Education Department *Sezzjoni* Coaches qal li l-hsara fil-coach swiet mitejn u sebghin lira (Lm270.00). Wara l-incident saru xi sinjali tat-traffiku fejn illum is-sitwazzjoni hi li huma karozzi gejjin mill-*Licensing Office* li jridu jieqfu, u cioe' vetturi li kienu fil-posizzjoni ta' l-attur Marco Deguara. Rigward il-konfigurazzjoni tat-triq, iz-zewg sewwieqa jsemmu xi ostakoli. Il-konvenut isemmi xi sigar illi kienu fuq in-naha tax-xellug tat-triq u Marco Deguara jsemmi l-hajt li hemm mal-gate tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

In kontro-ezami a fol 84 meta Deguara gie mistoqsi dwar il-hajt u jekk ghandux visjoni tal-vetturi gejjin ghan-nizla, qal li karozza daqsxejn difficli biex taraha, imma xarabank taraha. Kompla biex qal li huwa ma ndunax bil-coach qabel ma dar il-kantuniera u sabu ma' wiccu.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi billi wara l-incident saru xi sinjali fl-inkrocju fejn gara l- incident ma jfissirx illi b'daqshekk il-posizzjoni legali tal-partijiet tigi affettwata (ara kawza fl-ismijiet *Notary Dr Michelle Dingli et vs Frank Zammit* deciza fl-Appell fit-13 ta' Marzu, 2001). Ghalhekk dan l-incident irid jigi kunsidrat fl-isfond tac-cirkostanzi u konfigurazzjoni tat-triq kif kienet tezisti dakinhar ta' l-incident.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut kien qieghed *wrong side.* Dana jirrizulta kemm mill-isketch, kif ukoll milll-partijiet specjalment minn PS 782 Joseph Schembri fejn a fol 44 ighid li *l-coach ma kienx fuq sajdu tat-triq imma kien mal-*

*parking base.* Marco Deguara wkoll jikkonferma illi l-*coach* kien qieghed *wrong side.* Il-konvenut ighid li huwa kien qieghed f'dik il-posizzjoni peress li ried jaghmel *u-turn* biex imur lejn il-Pieta'.

Il-fatt li l-konvenut kien qieghed *wrong side* ma jfissirx li ghandu awtomatikament jerfa' r-responsabbilta' kollha ghall-incident tat-traffiku (ara kawzi fl-ismijiet Fogg Limited vs Paul Zahra Appell deciza fit-28 ta' Gunju, 2002 u Fogg Limited vs Jesmond Vella Appell deciza fid-19 ta' Novembru, 2001) u l-Qorti trid tezamina l-komportament tas-sewwieqa fl-isfond tas-sitwazzjoni li nstabu fihom. Ghalhekk il-Qorti ssib li ghandha x'ticcensura fuq iz-zewg sewwieqa. Il-konvenut ghax kien qieghed *wrong side* u Marco Deguara ghaliex ma zammx *"a proper look out."* Veru illi huwa kien f'posizzjoni korretta tat-triq u ha l-mizuri kollha sabiex huwa jkun jista' jkompli t-triq tieghu, pero' l-Qorti difficli tifhem kif ma setghax ma jindunax bil-prezenza tal-*coach* daqshekk vicin tieghu. Il-fatt illi kellu hajt fuq in-naha tax-xellug ma kienx ta' ostakolu ghal visjoni tieghu. Hu stess jammetti illi karozza difficli biex taraha, pero' xarabank taraha zgur u l-kobor tal-coach li kien qed isuq il-konvenut, jaghmilha aktar visibbli ghal Marco Deguara mill-posizzjoni fejn kien.

Ghalhekk il-Qorti ma tistax taccetta l-iskuza ta' Marco Deguara meta jghid illi hekk kif dar il-kantuniera sab il-coach ma' wiccu. Kienu kien qed izomm *"a proper look out"* seta' ha l-mizuri kollha biex jevita l-incident ghax il-coach kien ben visibbli ghalih. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi dawn iz-zewg fatturi u cioe' n-naha hazina tat-triq da parti tal-konvenut u n-nuqqas ta' *"proper look out"* da parti ta' Marco Deguara wasslu biex ikkontribwew ghal dan l-incident u jidhrilha illi r-responsabbilta' ghandha tigi ripartita kwantu ghal nofs kull sewwieq. Ghal dak li huwa l-quantum tad-danni, ma jidhirx illi dana huwa kontestat u b'nota pprezentata fit-12 ta' Gunju, 2003 l-atturi pprezentaw id-dokumenti kollha biex jiggustifikaw it-talba taghhom kif kontenuta fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut li jhallashom is-somma ta' elf u hamsa u sittin lira u tnejn u hamsin centezmu (Lm1065.52) rapprezentanti hlas ta' danni minnu kkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Dicembru, 2001, f'Horns Ditch, il-Furjana bejn il-vettura GVH 133 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru JAI 442 misjuqa minn Marco Deguara u proprjeta' tieghu, liema ncident gara minhabba negligenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taz-zewg sewwieqa.

Bl-ispejjez li ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs kull parti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------